MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 509/1997/1

Alan Caruana
vs
Telemalta Corporation u b'digriet tal-11 ta' Marzu 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Awissu 1993 u s-snin ta' wara huwa sofra ingustizzja f'li gie sospiz ingustament.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Korporazzjoni intimata fl-1990. Meta fi Frar tal-1993 huwa kien ghadu ma rceviex "ic-cheque" tal-paga huwa kien informa b'dan lis-Sur Saviour Borg tal-Wages Department.

Fil-5 ta’ Frar ir-rikorrent kien ircieva dan ic-cheque (ammont ta’ Lm43.79) u sarrfu minghajr ma nforma lill-Wages Departement.

Meta fis-17 ta’ Frar ir-rikorrent rega’ rcieva “cheque” iehor bl-istess ammont, huwa sarrfu peress illi kien haseb li kien jirrifletti arretrati dovuti lilu skond il-ftehim illi kien hemm taht l-iskema ta’ l-ESTS.

F’Mejju tal-istess sena r-rikorrent gie mitlub biex jirraporta d-Depot tal-Pulizija fejn gie nfurmat illi kien sejjer jigi akkuzat bi frodi ghad-danni tal-Korporazzjoni intimata. Fi statement illi huwa kien ghamel lill-Pulizija, ir-rikorrent stqarr illi dan kien zball genwin u kien lest illi jirrifondi lill-Korporazzjoni intimata l-ammonti kollha dovuti. Fil-fatt huwa kien irrifonda dawn il-flus fl-ewwel ta’ Lulju ta’ l-istess sena.

F’Awissu tal-istess sena ir-rikorrent kien gie nformat illi kien sospiz mix-xoghol sakemm jittiehdu l-passi kriminali kontrieh. Huwa kien gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta’ Settembru tal-1993 u s-sentenza, fejn kien gie mmultat Lm50, inghatat fil-25 ta’ Jannar 1994. Huwa kien baqa’ sospiz mix-xoghol sal-11 ta’ April tal-1994.

Tul dan iz-zmien ta’ sospenzjoni mix-xoghol, ir-rikorrent kien qieghed jircievi nofs il-paga.

Meta kien dahal lura ghax-xoghol, cioe` f’April tal-1994, huwa kien gie moghti l-grad ta’ Plumber, izda kien gie nfurmat illi ma kienx intitolat la ghal-nofs il-paga illi ma kienx qieghed jiehu tul iz-zmien tas-sospenzjoni u l-anqas ghas-somma ta’ Lm800 li kienet dovuta lir-rikorrent wara li temm il-kors tal-ESTS u nghata l-grad ta’ Plumber. Din is-somma ta’ Lm800 inghatat lill-kollegi l-ohra tar-rikorrent illi kienu hadu l-grad ta’ Plumber wara li temmew l-ESTS. Barra minn hekk, ir-rikorrent kien gie mtellef mill-arretrati ghaz-zieda fil-paga li kienet inghatat skond il-Ftehim Kollettiv ta’ Jannar tal-1994 u mill-bonuses tal-Gvern dovuti lilu tul il-perjodu li dam sospiz mix-xoghol. Dan minbarra l-fatt, illi r-rikorrent gie promoss ghal Plumber

erba (4) xhur wara z-zmien li l-kollegi tieghu inghataw l-istess grad.

Ta’ min isemmi l-fatt illi l-Korporazzjoni intimata ma kienet hadet l-ebda passi dixxiplinarji interni u ma giex kostitwit Bord ta’ Dixxiplina biex jiddeciedi fuq is-sanzjonijiet fuq imsemmija li gew imposti fuq ir-rikorrent.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi filwaqt illi huwa kien gie ingustament imtellef minn nofs il-paga, l-arretrati taz-zieda fil-paga u l-bonuses tul il-perjodu illi huwa kien dam sospiz mix-xoghol, huwa kien gie moghti l-grad ta’ Plumber erba’ xhur wara l-kollegi tieghu u gie mcahhad mis-somma ta’ Lm800 li kien intitolat ghaliha in visto tal-iskema tal-ESTS.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata nofs il-paga dovuta lilu ghal-perjodu illi dam sospiz, is-somma ta’ Lm800 dovuta lilu wara illi temm b’success l-ESTS, il-bonuses tal-Gvern u filwaqt illi jinghata l-grad ta’ Plumber b’effett minn Jannar tal-1994 huwa jinghata l-arretrati kollha dovuti lilu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Telemalta Corporation li eccepiet:

1. Illi l-Korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja mar-rikorrent b’rizultat ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza.

2. Illi r-rikorrent kien gie sospiz b'nofs paga skond il-ftehim kollettiv wara li kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali bi frodi ghad-dannu tal-Korporazzjoni stess.

3. Illi Alan Caruana instab hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu b'sentenza ta' l-istess Qorti tal-25 ta' Jannar 1994. L-istess rikorrent ma appellax minn din is-sentenza.

4. Illi skond il-kodici tad-dixxiplina, in vista ta' din is-sentenza, l-Korporazzjoni setghet tittermina l-impjieg tar-rikorrent b'effett mid-data tas-sospenzjoni. Minflok, gie deciz li jinghata cans iehor u jinzamm fl-impjeg, b'dan li l-piena giet imnaqqsa ghal nofs il-hlas li nzammlu u li l-promozzjoni hadha b'effett mid-data li rega' dahal lura ghax-xoghol.

5. Illi r-rikorrent kellu kull opportunita` li jikkontesta d-decizjoni tal-Korporazzjoni jew permezz tat-Tribunal Industrijali jew anke permezz tal-Qrati ordinarji. Dan m'ghamlux u effettivament akkonsentixxa bl-azzjoni tieghu ghall-passi li ttiehdu fil-konfront tieghu. Ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux jiehu aktar konjizzjoni ta' l-ilment tieghu.

6. Illi f'kull kaz l-azzjoni mehuda kienet gusta u skond il-proceduri tal-Korporazzjoni.

7. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq tlett aspetti jew biex nghidulhom hekk grievances. L-ewwel wiehed huwa tal-fatt illi huwa gie sospiz u spicca b'nofs paga. It-tieni wiehed huwa li ma hax is-somma ta' Lm800 dovuta lilu wara li temm b'success l-ESTS u t-tielet illi nghata l-grad ta' plumber b'effett minn Jannar 1994. Kull aspett irid jigi kunsidrat ghalih.

Izda t-Tribunal jibda biex l-ewwel nett jikkummenta dwar il-fatt tas-sospensjoni u nofs il-paga. Sospensjonijiet mhumiex koperti mill-Att VIII tal-1997 Kap 394. Infatti dan it-Tribunal sejjer jaghmel riferenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta' Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux

applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.
Dan it-Tribunal iddecieda fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post**

**iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**,

Differenti hu l-kaz ta' **"Downgrading"** li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni. Differenti hu wkoll il-kaz ta' "**Constructive dismissal"** [ara Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited deciza in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997 ].

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' **redundancy pay, hlas ta' bolol, u nuqqas ta' hlas ta' increments.** Dwan ma jissemmew imkien fl-artikolu 6 (1) paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma jistghux jigu kunsidrati bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma jistghu jigu kunsidrati bhala dhul fl-impieg. Certament ma humiex licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi. Ghalhekk ma jaqghux fil-kompetenza tat-Tribunal. Dwar increments ara Sultana Grezzju vs Mid-Med Bank fuq imsemmi. Redundancy pay tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal u r-rikorrent kellu rimedji ohra miftuha ghalih mhux taht dan l-Att."

Izda hawnhekk it-Tribunal irid izid li sospenzjoni mhi f'ebda mod koperta taht ebda wiehed mill-aspetti indikati fl-Artikolu 6 (1). Sospensjoni certament la hija hatra, l-anqas promozzjoni jew trasferiment. Mhiex dhul fl-impjieg, ma ghandiex x'taqsam ma' licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi.

Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara lilu nnifsu in kompetenti *ratione materiae* dwar kaz ta' sospenzjoni u nofs paga.

Jifdal ghalhekk li l-provi jigu limitati biss ghar-rigward is-somma ta’ Lm800 li qed jilmenta minnha r-rikorrenti u ghal fatt illi l-hatra tal-grad ta’ plumber inghatat f’Jannar 1994.

<u>Ir-rikorrent</u>ipprezenta affidavit li jinsab a fol 12 et tal-process li minnu jirrizulta illi ir-rikorrent dahal jahdem mal-Kumpanija intimata fl-1990. Hawnhekk semma l-fatt li meta fi Frar ta' l-1993 kien ghadu ma rceviex ic-cekk tal-paga, kien informa b'dan lis-Sur Saviour Borg izda meta fil-fatt ic-cekk hareg fil-5 ta' Frar ossija rcevieh, dan sarrfu minghajr ma informa lil Wages Department. Meta fis-17 ta' Frar irceva cekk iehor bl-istess ammont, huwa sarrfu ghax kif sostna hu haseb li dan kien jirrifletti arretrati dovuti.

Ittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati u fil-25 ta' Jannar tal-1994 gie misjub hati u mmultat Lm50. Hu baqa’ sospiz mix-xoghol sal-11 ta' April tal-1994.

Meta dahal lura f'April tal-1994, gie moghti l-grad ta' Plumber. F’din l-okkazzjoni kien gie nfurmat ukoll illi mhux ser jiehu s-somma ta' Lm900 circa li kienet dovuta lilu wara illi ntemm il-kors ta' l-ESTS u nghata l-grad ta' Plumber. Sostna li din is-somma kienet inghatat lill-kollega tieghu illi kien ha l-grad ta' Plumber wara li temm l-ESTS. Sostna li hu kien gie promoss ghal plumber 4 xhur wara z-zmien li l-kollega tieghu nghata l-istess grad. Il-kollega tieghu li riferixxa ghalih kien Lawrence Galea. It-tnejn li huma kienu bdew u temmew il-kors ta' l-ESTS flimkien u hadu l-grad ta' Plumber. Izda Galea kien inghata is-somma ta' Lm971.16 f’Dicembru ta' l-1993, waqt li hu qatt ma nghata din is-somma. Hu qatt ma nghata raguni ta' dan.

Semma li kien hemm impjegati ohra tal-Kumpanija intimata li kienu ghamlu il-kors ta' l-ESTS qablu u kienu nghataw din is-somma malli temmew il-kors u fosthom semma lil Evan Ciantar.

Meta xehed fit-3 ta' Mejju 2000 a fol 23 tal-process jirrizulta li r-rikorrent ikkonferma li fil-fatt is-somma kienet ta` LM800 u mhux Lm900.

Mill-verbal tat-22 ta' Mejju 2001 jirrizulta illi r-rikorrent ma kienx appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.
Xehed David Buttigieg li kellu dak iz-zmien il-kariga ta' Executive Principal mal-Maltacom. Semma li fit-8 ta' Lulju 1993 il-pulizija kienet baghatet rapport lill-Korporazzjoni Telemalta dwar investigazzjoni li saret dwar abbuz ta' tisrif ta' cekkijiet minn xi impjegati tal-Korporazzjoni. Kien hemm kaz ta' frodi minn naha tar-rikorrent Alan Caruana u l-pulizija istitwit proceduri kontra tieghu. Ghalhekk Caruana kien gie sospiz b'effett mis-6 ta' Awissu 1993 u skond artikoli 511 tal-ftehim kollettiv jinghad:

"If it is considered to be in the corporation' s interest that an officer should cease fortwith to exercise the powers and functions of the post, the Chairman may suspend the officer from the exercise of these powers and functions provided that proceedings for his dismissal are being taken or that criminal proceedings are being instituted against him."

Semma wkoll l-Artikolu 512 li jghid:

"An officer who is suspended shall receive such salary not being less than half his salary as the Chairman may think fit."

Semma li fi Frar 1994 il-Korporazzjoni rceviet is-sentenza mill-Qorti fejn sabet lis-Sur Caruana hati u mmultatu Lm50. Zied li fid-dawl ta' din id-decizjoni l-kap tad-dipartiment tad-dixxiplina rrakkomanda x' passi ghandhom jittiehdu f'dan ir-rigward u hu rrefera ghal paragrafu 6 tal-kodici tad-dixxiplina tal-ftehim kollettiv li jghid hekk:
"An employee who is charged with a criminal offence may be suspended on half pay. Such suspension shall last until the end of the investigation and/or prosecution and if proved guilty the employee may be dismissed with retrospective effect as from the date of suspension."

Ghalhekk skond dawn il-provvedimenti huwa seta' jirrakomanda li Caruana ghandu jitkecca. Fil-fatt ma ghamilx hekk izda rrakkomanda li Caruana ghandu jitlef nofs il-paga mizmuma u jinghata l-hatra ta' Plumber mid-data tal-bord tad-diretturi li jiddeciedu u ghandu jerga' lura ghax-xoghol u mhux mid-data meta suppost ha l-hatra, wara li temm l-apprentistat ta' 3 snin jigifieri fl-1 ta' Settembru 1993. Saru dawn ir-rakomandazzjonijiet minnflok tkeccija peress li ttiehdu dawn il-konsiderazzjonijiet: Caruana kien ghadu fil-bidu tal-karriera u t-terminazzjoni tal-impjieg f'dan l-istadju kienet taffettwalu opportunitajiet ohra ta' impjieg u anke l-Qorti ma kenitx daqshekk iebsa fid-decizjoni taghha peress li kkunsidrat il-kondotta ta' Caruana u l-ammont involut ma kienx kbir u gja gie ritornat minn naha tar-rikorrent.

Semma li l-bord tad-diretturi qabel mar-rakkomandazzjoni tad-dixxiplina u cioe` li Caruana jitlef nofs il-paga mizmuma u jinghata l-hatra ta' plumber mid-data li l-bord tad-diretturi jiddeciedi li ghandu jerga' lura ghax-xoghol u mhux mid-data li suppost ghandu jinghata l-hatra jigifeiri fl-1 ta' Settembru 1993. Eventwalment Caruana rega' lura ghax-xoghol fit-12 ta' April 1994 u allura l-hatra ta' plumber inghatatlu minn din l-istess data jigifieri fit-12 ta' April, 1994.

Id-decizjonijiet tal-passi li ttiehdu kontra r-rikorrent kienu mehudin mic-chairman u dan minhabba li l-ftehim kollettiv kien jitkellem dwar x' ghandu jsir u allura ma kienx hemm bzonn ta' hatra ta' bord, in segwitu tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali.

Ikkonferma li Lawrence Galea, li ha l-ammont ta' Lm971.16c bhala arretrati. Din kienet bhala arretrati ta' paga, tal-grad ta' Plumber, bejn l-1 ta' Marzu 1993, u t-30 ta' Novembru tan-1993 u dan bis-sahha tac-cirkolari tal-OPM 20/91, li tispjega l-proceduri li ghandhom jigu adottati, meta jigu mahtura ESTS's. Wahda mill-proceduri tghid li dawk l-ESTS' s li jghaddu b'success, huma intitolati li jircievu l-paga minima tal-grad taghhom, b'effett mix-xahar, wara li jkunu spiccaw l-apprentistat taghhom, sa meta jigu mahtura fil-grad il-gdid. Peress li Galea kien

spicca b'success l-apprentistat fi Frar tan-1993, u l-appointment tieghu fil-grad ta' Plumber, hareg fil-bidu ta' Novembru tan-1993, huwa nghata l-paga ta' Plumber bejn l-1 ta' Marzu 1993, u 30 ta' Novembru 1993. Ivan Ciantar ma hadhomx dawn il-flus, ma kienx kompla l-apprentistat.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi dwar l-ewwel aspett ta' l-ilment u cioe` dwar is-sospenzjoni it-Tribunal jaghmel riferenza ghal dak li intqal fuq fejn effettivament iddikjara ruhu in kompetenti *ratione materiae* dwar sospenzjoni.
Ukoll ir-rikorrent ilmenta illi ha l-kariga f'April. Sincerament dan it-Tribunal ihoss illi kultant certi nies jipretendu wisq u wisq meta ma jkollomx dritt kwazi ghal xejn. Ir-rikorrenti jrid jiftakar illi hu gie misjub hati ta' offiza kriminali u li minhabba fiha ma seta' qatt jigi appuntat u jinghata kariga waqt li huwa qieghed sospiz u ghaddejjin proceduri kontra tieghu. Ir-rikorrent ma seta' qatt jipretendi, illi meta, skond ir-regolamenti huwa seta' jitkecca u minflok il-Korporazzjoni intimata kienet qeda tikkunsidra l-possibilta` illi ma timxiex daqshekk severament kontra tieghu, izda taghtih opportunita` ohra, fl-istess hin hu ghandu jippretendi illi jinghata l-appointment biz-zmien minn qabel.

L-ingustizzja tkun jekk it-Tribunal kellu japplika haga bhal din mhux jekk dak li sar. Certament ir-rikorrent ma kienx intitolat li jiehu l-grad ta' plumber qabel ma biss jispiccaw il-proceduri u ma jidhirx li kien hemm dewmien specjali fil-proceduri u certament ma kien hemm ebda abbuz fil-proceduri.

Ukoll jekk ir-rikorrent kien ghadu sospiz kif seta' jiehu l-appointment li qed jipretendi li jiehu una volta li kien sospiz?

Ghal dawn il-motivi, fuq dan l-aspett ukoll it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Jifdal biss illi t-Tribunal jezamina t-talba tar-rikorrent ghal Lm800 li huwa qed isostni li kienu tal-fatt illi bniedem jaghmel kors tal-ESTS. Izda mix-xhieda ta' David

Buttigieg irrizulta li s-somma li ha Galea kienet bhala arretrati ta’ paga tal-grad ta’ Plumber bejn Marzu 1993 u Novembru 1993 u dan minhabba wahda mill-proceduri dwar l-ESTS keinet li meta jghaddu b’success b’effett mix-xahar wara li jkunu spiccaw l-apprentistat taghhom, sa meta jigu mahtura fil-grad il-gdid huma jkunu intitolati li jircievu l-paga u ghalhekk Galea rcieva din is-somma.

Fil-kaz tar-rikorrent dan mhux applikabbli l-anqas ghax hu ma kellux gurnata meta effettivament dahal lura ghax-xoghol u allura jkun intitolat li jiehu l-awment ghax effettivament hu dahal jahdem f’April u cetament ma jistax jipretendi din is-somma.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata f’dan ir-rigward ukoll.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.